MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 2458/2000/1

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Joecar Ltd, Joseph Pace u martu Carmen Pace, Brittania Catering Co Limited, STG Limited, Vivienne Ltd, Josette Limited, Louis Scicluna u martu Vivienne Scicluna, Anton sive Anthony Spiteri u martu Josette Spiteri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:

Illi s-socjeta' konvenuta Joecar Limited hija debitrici tas-socjeta' attrici HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma ta' mitejn u sebat elef disa' mija sebgha u disghin Lira Maltija

u tnejn u sittin centezmu (Lm207,997.62), bhala parti minn somma akbar dovuta mis-socjeta' konvenuta Joecar Limited lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' flus lilha mislufa mill-bank attur. L-ammont mitlub ta' Lm207,997.62 hu dovut in kwantu ghal mija wiehed u sittin elf hames mija tlieta u erbghin lira maltija u tmenin centezmu (Lm161,543.80) bhala parti minn ammont akbar misluf mill-bank attur lis-socjeta' konvenuta kif inghad, u in kwantu ghal sitta u erbghin elf erba' mija tlieta u hamsin lira maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm46,453.83) bhala imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma ta' LM161,543.80, konteggjat tali imghax mit-22 ta' Marzu 1997 sal-24 ta' Ottubru 2000, hekk kif jidher mill-anness "statement of account" (Dok.A).

Illi l-konvenuti l-ohra kollha ikkostitwew ruhhom garanti solidali mas-socjeta' konvenuta Joecar Limited ghall-hlas tad-debitu taghha lejn is-socjeta' attrici kif jidher mill-kopji tal-garanziji (Dok.B sa Dok.G) sas-somma ta' seba' mija u tletin elf lira maltija (Lm730,000) oltre l-imghaxijiet.

Illi s-socjeta' attrici zammet id-dritt li titlob il-pagament kollu dovut jew ta' parti minnu "on deman."

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati jhallsu l-kapital u l-imghaxijiet minnhom dovuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li s-socjeta konvenuta tigi kundannata bhala debitrici principali tigi kundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sebat elef disa' mija sebgha u disghin lira maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm207,997.62) liema somma hija dovuta lis-socjeta' attrici kif fuq premess, bhala parti minn ammont akbar dovut fuq self lilha moghti u li l-konvenuti l-ohra kollha jigi kundannati li jhallsu solidalment mas-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' mitejn u sebat elef disa' mija sebgha u disghin lira maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm207,997.62).

Bl-ispejjez, u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena konteggjat b' effett mill-25 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-

effettiv pagament, kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

Preliminarjament l-eccezzjonijiet ta’ konnessjoni ta’ din il-kawza ma kawza ohra fl-istess ismijiet Citazzjoni numru 2725/97 pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u dana ai termini tal-artikolu 793(1) tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Illi kif gja gie eccepit fil-kawza fuq citata l-konvenut Joseph Pace proprio kellu diversi kontijiet tramite kumpanniji li huwa kien jikkontrolla fosthom il-kumpanniji konvenuti f’din il-kawza, liema kontijiet kienu manipulati minn ufficjal tal-Bank attur u naqsu diversi somom mill-istess kontijiet billi ngibdu flus meta dana ma kienx awtorizzat.

Illi minhabba tali manipulazzjoni l-garanti solidali ghandhom jigu liberati mill-obbilgi taghhom stante li l-bank attur naqas li jiehu azzjoni biex iwaqqaf tali abbuz bi detriment ghalihom (artikolu 1959 tal-Kap 16).

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit l-facilita’ bankarja mghotija lill-eccipjenti kellha tifforma parti minn ftehim li kien intlahaq sabiex l-konvenuti jaqilbu l-facilitajiet bankarji mill-Bank of Valletta p.l.c. ghall-bank attur u ghalkemm sar ftehim f’dan is-sens l-Bank attur naqas jonora l-ftehim milhuq u ghalkemm avvanza xi somom ghall-“business commitments” tal-konvenuti huma hallew il-konvenuti skoperti billi ma onorawx l-obbligu li jassumu l-krediti tal-Bank of Valletta p.l.c. u b’ hekk

kkawzaw danni enormi lill-konvenuti kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit huwa car u manifest li s-somma mitluba mill-bank attur f' din il-kawza huwa eccessiv stante li fic-citazzjoni numru 2725/97 inghad li t-talba kienet limitat ghal erba mitt elf lira (LM400,000) bhala kapital u f' din il-kawza l-kapital li qed jintalab jammonta ghal mija wiehed u sittin elf hames mija u tlieta u erbghin lira u tmenin centezmu (LM161,543.80) meta mid-dokument hawn esebit bhala dokument JP1 jirrizulta li s-somma bhala kapital allegatament dovuta fl-1998 meta il-kont kien wieqaf kien ta' erba mija u disa u sittin elf disa mija u disa u sittin lira (Lm469,969) diskrepanza ta' kwazi mitt elf lira.

Illi l-konvenuti m' ghandhomx jehlu spejjes ta' din il-vertenza ghaliex m'hemm l-ebda raguni legali ghaliex l-pretensjonijiet tal-bank attur ma gewx dedotti fic-citazzjoni imsemmija fl-ewwel eccezzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat l-affidavit tal-P.L. Jonathan de Maria presentat mis-socjeta' attrici fejn gie konfermat li ma sar l-ebda hlas lill-bank attur ghar-rigward tal-kontijiet fl-ismijiet tas-socjetajiet konvenuti STG Limited, Brownie Limited, John F Limited u Joecar Limited u li l-ammonti mitluba fic-citazzjoni ghadhom dovuti flimkien mal-imghaxijiet kummercjali relattivi sal-hlas effettiv.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat l-atti tal-kawza numru 2725/97 fl-ismijiet "Mid-Med Bank Limited v Joecar Limited et" liema proceduri gew decizi illum stess.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Qed issir referenza specifika ghas-sentenza li nghatat illum stess fl-imsemmija kawza numru 2725/97 u l-konstatazzjonijiet kollha li saru fl-imsemmija sentenza ghandhom japplikaw ghal presenti sentenza. Difatti l-meritu fiz-zewg kawzi in kwestjoni huwa simili hafna u anke l-eccezzjonijiet huma kwazi l-istess. Anke fil-presenti proceduri t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati filwaqt li dak kollu li gie allegat mill-konvenuti ma giex konfermat mill-provi u ghalhekk dak li gie eccepit mill-konvenuti ghandu jigi rigettat. Hu ovvju li r-responsabilita' tal-garanti hi limitata sal-ammont li effettivament gie garantit.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u fit-tieni lok tilqa t-talbiet tal-bank attur u tikkundanna lis-socjeta konvenuta, bhala debitrici principali, thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sebat elef disa' mija sebgha u disghin lira maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm207,997.62) jew is-somma ta' erba' mija w erbgha u tmenin elf, hames mija u erba' Ewro u tnax-il cenetzmu (€484,504.12) liema ammont hu dovut bhala parti minn ammont akbar muisluf mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta u tikkundanna lill-konvenuti l-ohra kollha jhallsu solidalment mas-socjeta' konvenuta l-istess somma u dan kollu u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena konteggjat b' effett mill-25 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------